**PROGRAMM TAL-FESTA AD UNUR TAL-**

# MADONNA TA' LORETO

## GĦAJNSIELEM

**Mit-12 sas-26 ta' Awissu, 2007**

***L-Ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi.***

### Il-Ħadd, 12 ta' Awissu: JUM IL-ĠENEROŻITA

Min jixtieq u jista' jmur jagħti d-demm l-Isptar Ġenerali ta' GĦawdex.

6.30 p.m. Quddiesa fiċ-Ċimiterju għal ħutna li daħlu qabilna fl-eternita' mill-Arċipriet Dun Frankie Bajada.

### It-Tnejn, 13 ta' Awissu: JUM IL-KONSAGRAZZJONI TAL-KNISJA PARROKJALI

6.30 p.m. Rużarju u Kurunella.

7.00 p.m. Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali fl-okkażjoni tat-18-il Anniversarju tal-Konsagrazzjoni.

7.45 p.m. Pellegrinaġġ Marjan Aux Flambeaux mill-Knisja Parrokkjali għall-Grotta tal-Madonna ta' Lourdes. Mal-wasla fil-grotta, Ċelebrazzjoni Ewkaristika mmexxija minn Dun Tarcisio L. Attard.

### It-Tlieta, 14 ta' Awissu: VELJA TA' TALB

8.30pm Velja f'Ta' Pinu. Il-komunita' parrokkjali tieħu sehem flimkien mad-Djoċesi kollha f'sahra ta' Talb lejlet l-Għid tal-Assunta. Trasport provdut fit-7.45pm.

### L-Erbgħa 15 ta' Awissu: SOLENNITA' TAT-TLUGĦ IS-SEMA TA' MARIJA

Katina ta' Rużarju mill-5am sa nofs il-lejl.

### Il-Ħamis, 16 ta' Awissu: JUM TA' TALB GĦALL-VOKAZZJONIJIET – il-KRUĊJATA EWKARISTIKA

Jum ta' Adorazzjoni għall-Vokazzjonijiet fil-Knisja l-Qadima

9.00 a.m. Quddiesa bis-sehem tat-tfal u studenti. Ftuħ tan-Novena apposta għalihom.

4.30pm Rużarju u Barka Sagramentali fil-Knisja l-Qadima

6.30p.m. Rużarju meditat quddiem Ġesu' Ewkaristija fil-Knisja Parrokkjali b'talb speċjali għas-saċerdoti, ir-reliġjużi u l-gruppi vokazzjonali u tal-abbatini fil-parroċċa tagħna.

7.00 p.m. Quddiesa mill-Arċipriet Dun Frankie Bajada li fiha ssir il-vestizzjoni ta' l-abbatini ġodda. Mistiedna l-ġenituri ta' l-abbatini kollha. Janima l-funzjoni l-Kor Lauretana.

7.30 p.m. Mota li tħabbar il-ftuħ tal-festa 2007.

8.30 p.m. GĦAJNSIELEMFEST 2007 - imtella' mill-Kunsill Lokali Għajnsielem fil-Misraħ tal-Knisja b'talent Għajnselmiż u lokali.

### Il-Ġimgħa, 17 ta' Awissu: L-EWWEL JUM TAN-NOVENA - JUM L-EMIGRANTI

6.30 p.m. Rużarju

7.00 p.m. Quddiesa mmexxija mill-Arċipriet Dun Frankie Bajada bis-sehem tal-emigranti Għajnselmiżi.

7.45 p.m. Marċ minn St. Stythians Band minn Cornwall U.K. li tilqa' lill-Emigranti tagħna. Wara festin fil-Misraħ tal-Knisja u Programm mill-istess banda. Din l-attivita' qed tittella' bil-kollaborazzjoni tal-Parroċċa, tal-Banda San Ġużepp u l-Kunsill Lokali ta' GĦajnsielem.

**Is-Sibt, 18 ta' Awissu: IT-TIENI JUM TAN-NOVENA - JUM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

6.30 p.m. Rużarju, Salve Regina, u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

7.00 p.m. Quddiesa minn Fr. Joshua Muscat bis-sehem taż-żgħażagħ. Janima l-quddiesa l-grupp karimatiku taż-żgħażagħ *The Way* minn Malta. Wara ż-żgħażagħ kollha jiltaqgħu ċ-Ċentru Parrokkjali għal-laqgħa ta'ħbiberija.

**Il-Ħadd, 19 ta' Awissu: IT-TIELET JUM TAN-NOVENA - Jum il-FAMILJA**

10.00 a.m. Quddiesa b'talb speċjali għall-koppji miżżewġin. Isir it-tiġdid tal-Wegħdiet taż-Żwieġ. Mistiedna b'mod speċjali l-koppji li żżewgu matul din is-sena u dawk li għalqu 25 u 50 sena miżżewġin. Imexxi Dun Manwel Magro. Janima l-quddiesa bil-kant il-Kor Lauretana.

4.30 p.m. Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

5.00 p.m. Quddiesa. Wara ssir il-Preżentazzjoni tat-Tfal u t-Trabi lill-Madonna fil-Knisja.

6.30 p.m. Manifestazzjoni mit-tfal u l-adoloxxenti fil-Misraħ tal-Knisja.

**It-Tnejn, 20 ta' Awissu: IR-RABA' JUM TAN-NOVENA - JUM il-ĦAJJA KKONSAGRATA**

6.30 p.m. Rużarju, Kurunella, Salve Regina u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

7.00 p.m. Quddiesa minn P. Raymond Camilleri ofm bis-sehem tar-reliġjużi kollha tal-Parroċċa.

8.15 p.m. Marċ miIl-Banda 'San Ġużepp' minn Triq il-Ġnien sal-Pjazza tas-Santwarju.

9.15 p.m. Ħruġ ta' l-istatwa min-niċċa tagħha fost kant ta' innijiet Marjani. L-istatwa titpoġġa taħt it-tron tagħha. Issir l-aħħar ġabra kbira għall-festa ta' din is-sena.

**It-Tlieta, 21 ta' Awissu: IL-ĦAMES JUM TAN-NOVENA – JUM IS-SAĊERDOTI**

6.30 p.m. Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika

6.30 p.m. Quddiesa minn Dun Michael Curmi, Saċerdot Novell. Janima bil-Kant il-Grupp tal-Kitarri tal-Parroċċa li ġie ffurmat dan l-aħħar.

9.00 p.m. Marċ mill-Banda 'San Ġużepp' li jitlaq mill-Każin ta' l-Għaqda Mużikali sal-Planċier fil-Misraħ tas-Santwarju. Il-Banda tesegwixxi programm mużikali b'siltiet varji taħt id-direzzjoni tas-Surmast Sunny Galea A.L.C.M. u l-Assistent Surmast Frankie Debono.
Waqt dan il-programm isir l-iffirmar tat-tiġdid tal-Ġemellaġġ bejn Tolfa u Għajnsielem.

**L-Erbgħa, 22 ta' Awissu: L-EWWEL JUM TAT-TRIDU - JUM il-BENEFATTURI**

6.00 p.m. Għasar Kantat.

6.30 p.m. Quddiesa mmexxija minn Fr. Joe Cardona, li fiha l-W.R. Kan. Daniel Xerri, Kappillan ta' San Lawrenz, jagħmel l-ewwel priedka tat-Tridu.
Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika

9.30 p.m Lejla Marjana. Jibda lejl ta' talb, qari u kant bit-tema *Nazaret – Dar il-Ħajja!* fil-Misraħ tal-Knisja u jagħlaq fil-11.00 p.m. Inħeġġu lil kulħadd biex jingħaqad magħna fi klima ta' talb f'riġlejn Ommna Marija Lauretana. Imexxi t-talb Dun Ġorġ Bezzina Kappillan tal-Fontana.

**Il-Ħamis, 23 ta' Awissu: IT-TIENI JUM TAT-TRIDU –Jum is-SAĊERDOTI**

6.00 p.m. Għasar Kantat.

6.30 p.m.. Quddiesa mmexxija minn Mons. Ġużeppi Zerafa, Arċipriet Emeritus, bil-priedka tat-Tridu minn Dun Daniel Xerri.
Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

8.00 p.m. Ikla tradizzjonali Maltija fi Pjazza Tolfa.

9.30 p.m. Jibda marċ brijuż min-naħa ta' fuq ta' Triq Simirat u jispiċċa ħdejn il-Każin tal-Banda. Jieħdu sehem il-Banda tagħna "San Ġużepp " kif ukoll il-Banda "Ite Ad Joseph " tal-Qala.

**Il-Ġimgħa, 24 ta' Awissu: IT-TIELET JUM TAT-TRIDU - JUM IL-MORDA U L-ANZJANI**

9.00 a.m. Quddiesa li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda.

6.00 p.m. Fil-Knisja, kollox bħall-jum ta' qabel.

6.30 p.m. Quddiesa mill-Arċ. Dun Frankie Bajada bil-priedka mill-W.R. Kan. Daniel Xerri, Kappillan ta' San Lawrenz. Antifona u Benedizzjoni Ewkaristika

9.00 p.m. Marċ mill-Banda 'Santa Margerita' ta' Sannat li jibda minn ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali u jibqa' sejjer sal-pjazza ewlenija tar-raħal. Wara tesegwixxi programm fuq il-planċier fil-pjazza.

9.30 p.m. Dimostrazzjoni kbira u brijuża bl-istatwa tal-Madonna tad-Dar li tibda min-naħa ta' fuq ta' Triq l-Imġarr. Iddoqq l-Banda 'San Ġużepp' ta' Għajnsielem u l-Banda mistiedna 'Prekursur' tax-Xewkija.

12.00 a.m Wasla tal-Madonna tad-Dar b'mod uniku għal fuq il-Pedestall tagħha fil-Misraħ tal-Knisja fost il-kant u l-briju tal-Poplu Għajnselmiż. Wirja ta' ajruplani pirotekniċi.

**Is-Sibt, 25 ta' Awissu: LEJLET IL-FESTA**

9.00 a.m. Quddiesa kkonċelebrata mmexxija mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof Emeritus ta' Għawdex li fiha jitkanta t-Te Deum bħala radd il-ħajr lil Alla.

5.15 p.m. Marċ mill-Banda 'San Ġużepp' li jibda minn Triq Cordina.

6.30 p.m. Il-Banda 'San Ġużepp' takkumpanja t-Translazzjoni Solenni.

6.30 p.m. Translazzjoni Solenni tar-Relikwija li titlaq mill-Knisja l-Qadima mmexxija mill-Vigarju Mons Giovanni Bosco Gauci għall-Knisja l-Ġdida. Jieħdu sehem il-fratellanzi tas-Sagrament u tar-Ružarju.

7.00 p.m. L-Ewwel Għasar Solenni mmexxi minn Mons Vigarju Giovanni. B. Gauci.

8.00 p.m. Quddiesa minn Dun Loret Tabone. Mistiedna dawk kollha li jgħixu barra mill-parroċċa.

9.00 p.m. Marċ mill-Banda 'Mnarja' tan-Nadur li jibda minn Triq il-Ġnien sal-Pjazza tas-Santwarju fejn tesegwixxi program fuq il-planċier.

9.30 p.m. Marċ tradizzjonali ta' lejlet il-festa li jibda minn Triq Ħamri, jgħaddi għal Triq Fawwara u jintemm fil-Misraħ tal-Knisja. Il-baned 'San Ġużepp' ta' Għajnsielem flimkien mal-Banda 'La Stella' tal-Belt Victoria jferrħu lill-poplu preżenti bid-daqq ta' marċi brijużi.

12.00 a.m. Marija Lauretana, Protettriċi ta' l-Avjazzjoni. Wirja tradizzjonali ta' ajruplani pirotekniċi segwita minn wirja spettakolari ta' loghob tan-nar ta' l-art maħduma minn Virtu' Fireworks u mżewqa bil-mużika.

**Il-Ħadd, 26 ta' Awissu: JUM IL-FESTA JUM IL-PARROĊĊA**

5.00 a.m., 6.00, 7.00 u 8.00 a.m. Quddies .

9.00 a.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-Ecc. T. Mons Mario Grech, Isqof ta' Għawdex li fiha jwassal il-messaġġ tiegħu ta' tifħir lil Ommna Marija u ta' tagħlim għalina lkoll. Tesegwixxi l-Mużika l-Cappella Diacono taħt id-direzzjoni ta' Mons. Gwann Galea.

11.00 a.m. 4.45 p.m. 5.45 p.m. Quddies.

5.15 p.m. Marċ mill-Banda 'Victory' tax-Xagħra li jibda minn Triq Ħamri u jintemm fil-misraħ tas-Santwarju. Issir il-Ġabra Tradizzjonali għall-festa tas-sena d-dieħla minn persuni apposta.

6.30 p.m. Għasar Solenni ta' Jum il-Festa mmexxi minn Mons. Ġużeppi Zerafa, Arċipriet Emeritus.

6.30 p.m. Marċ ta' qabel il-purċissjoni mill-Banda 'San Ġużepp' li jibda mill-Pjazza tad-Dehra. Meta l-marċ jasal fil-pjazza ewlenija tar-raħal, tibda ħierġa l-purċissjoni. Il-Banda 'San Ġużepp' iddoqq l-Innu tal-Madonna u wara takkumpanja l-purċissjoni b'innijiet reliġjużi u marjani.

7.30 p.m. Ħruġ solenni tal-Istatwa Artistika u Devota tal-Madonna ta' Loreto. Il-Banda S.Ġużupp flimkien mal-Kor Lauretana, isellmu lil Ommna Marija bid-daqq tal-Innu Kbir "Alla Vergine di Loreto ta' A.Pace. Tibda miexja l-purċissjoni.

8.00 p.m. Il-Banda 'Ċittadina Leone' tal-Belt Victoria tibda marċ minn Triq il-Mogħdija u wara hekk kif tasal ġewwa l-pjazza, tesegwixxi programm mużikali fuq il-Planċier.

10.25 p.m. Dħul Trijonfali tal-vara tal-Madonna ta' Loretu fil-Knisja.
Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika mmexxija mill-Arċ.Frankie Bajada bis-sehem tal-Poplu kollu.

11.00 p.m. Marċ Brijuż ta' għeluq mill-Banda 'San Ġużepp' li jagħlaq dawn il-festi. Il-marċ jibda mill-Pjazza tad-Dehra għall-Pjazza tas-Santwarju.

**It-Tlieta 28 ta' Awissu: QUDDIESA TA' RINGRAZZJAMENT**

6.30 p.m. Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkarsitika

7.00 p.m. Quddiesa ta' ringrazzjament u dħul tal-vara ġewwa n-niċċa bis-sehem taż-żgħażagħ li sejrin Loreto.